**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR210551** **20.03.2021**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia jirreferi għal rapporti li qed jidhru fil-midja dwar żamma min-naħa tiegħu ta' dettalji dwar l-income iddikjarat għas-sena ta' stima 2017 (sena bażi 2016) tal-Prim Ministru. L-Ispeaker Farrugia jixtieq jikkjarifika li l-Uffiċċju tiegħu mhuwiex qiegħed f'pożizzjoni li jipprovdi din l-informazzjoni mhux biss fir-rigward tal-Prim Ministru iżda wkoll fir-rigward ta' kull membru tal-Kamra li jkun ġie elett għall-ewwel darba fil-Parlament.

Dan għaliex l-interpretazzjoni li sa issa dejjem ingħatat lil Artikolu 4(5) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, (Kap. 372) huwa li l-informazzjoni li tintbagħat mill-Kummissarju għat-Taxxa lill-Ispeaker tkun tirreferi għad-dħul iddikjarat tal-membru matul dik is-sena li fiha jkun ġie elett. Huwa għalhekk li l-informazzjoni li ngħatat dwar kull membru li ġie elett għall-ewwel darba fl-2017 kienet dik li ġiet mgħoddija lill-Uffiċċju tal-Ispeaker dwar is-sena ta' stima 2018 (sena bażi 2017) fejn ikun hemm iddikjarat id-dħul matul l-2017. L-unika eċċezzjoni għal din ir-regola toħroġ mill-istess provvediment tal-liġi u tirreferi għal meta membru jerġa' għal darba oħra jiġi elett. F'dawn il-każijiet, il-liġi tgħid li, "Il-Kummissarju għandu jissottometti wkoll lill-Ispeaker id-dettalji tal-income dwar il-perjodu li jkopri s-snin meta dak il-membru ma baqax membru sakemm reġa' sar membru tal-Kamra".

L-Ispeaker jixtieq ukoll jiċċara li minkejja l-prassi li dejjem intużat sa issa, f'każ ta' parir legali kuntrarju, l-Uffiċċju tiegħu se jkun qed jagħmel talba lill-Kummissarju għat-Taxxi biex tingħatalu l-informazzjoni addizzjonali fir-rigward ta' kull membru tal-Kamra.



**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700**

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**